# MALTA

## QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Illum 24 ta' Ottubru, 2016**

**Rikors Nru.: 278/2016MH**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**Vs**

1. **Enigma Productions Limited (C25688), u**
2. **Jason Caruana (K.I. numru 90176(M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti fejn gie sottomess:

**"1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'erba' kuntratti, tnejn minnhom maghmula maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall datati 16 ta' Settembru 2005 u 3 ta' April 2007, (Dok. "A" u "B") u tnejn ohra in atti n-Nutar Dottor Malcolm Licari datati 12 ta' Marzu 2010 (Dok "C" u "D") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta' Enigma Productions Limited;**

**2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' intimata Enigma Productions Limited fis-somma ta' erbgha u hamsin elf, sitt mija u tnax il-Ewro u wiehed u sittin centezmu (€54,612.61) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' Enigma Productions Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E1 sa E2" u Dok. "F1 sa F4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-4 ta' Novembru 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament;**

**3. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'erba' kuntratti, tnejn minnhom maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall datati 16 ta' Settembru 2005 u 3 ta' April 2007, (Dok. "A" u "B") u tnejn ohra in atti n-Nutar Dottor Malcolm Licari datati 12 ta' Marzu 2010 (Dok "C" u "D") u permezz ta' skrittura privata datata 8 ta' Gunju 2005 (Dok G), il-konvenut Jason Caruana ggarantixxa *"in solidum"* ma Enigma Productions Limited a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Enigma Productions Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.**

**4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dokumenti "A", "B", "E", "F) partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti:**

**(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici**

**5. Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment;**

**7. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' tlett ittri ufficjali datati 15 ta' Gunju 2012 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. "H" u Dok."I", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.**

**Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu il-konvenuti ghaliex m'Ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' it-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha :**

**1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokument "A", "B", "C", "D" u "G"), lis-socjeta' attrici, u**

2. **Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu flimkien u *"in solidum"* bejniethom, lis-socjeta' attrici is-somma ta' erbgha u hamsin elf, sitt mija u tnax il-Ewro u wiehed u sittin centezmu (€54,612.61) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' Enigma Productions Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E1 sa E2" u Dok "F1 sa F4" flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mill-4 ta' Novembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Minghajr pregudizzju ghall-somom ohra ta' flus dovuti mill-konvenut Jason Caruana lis-socjeta attrici qed tipprocedi f'gudizzju separat.**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 15 ta' Gunju 2012 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni".**

Rat in-nota tal-konvenut Jason Caruana presentata fis-6 ta' Ottubru, 2016, fejn f'ismu u n-rapprezentanza tas-socjeta Enigma Productions Limited (C25688) f'liema nota huwa ammetta t-talbiet attrici;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Fil-kontumaċja tas-soċjeta intimata tiddeċiedi billi

Illi ghalhekk il-Qorti, fuq ammissjoni, qed tilqa' t-talbiet tal-bank rikorrenti u filwaqt li tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skrittura fuq imsemmija, partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Jason Caruana u s-Socjeta Enigma Productions Limited (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Jason Caruana u s-socjeta Enigma Productions Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti, qed tikkundanna lil Jason Caruana u lis-socjeta Enigma Productions Limited ihallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' erbgha u hamsin elf, sitt mija u tnax il-Ewro u wiehed u sittin centezmu (€54,612.61) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' Enigma Productions Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E1 sa E2" u Dok "F1 sa F4" flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mill-4 ta' Novembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datata 15 ta' Awissu 2012 kontra l-konvenuti, u dan minghajr pregudizzju ghall-somom ohra ta' flus dovuti mill-konvenut Jason Caruana lis-socjeta attrici li ghalihom is-socjeta attrici qed tipprocedi f'gudizzju separata.

Tikkundanna lill-intimati ihallsu l-ispejjez tal-kawza.

Moqrija

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**John Muscat**
**Deputat Registratur**